A.L. 20 ta' l-1991

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)
Regolamenti ta' l-1991 li jipprovdu għat-tneħħija ta' Ingombru

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Kummissarju tal-Pulizija bil-parir tal-Bord għall-Kontroll tat-Traffiku u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1991 dwar it-Tneħħija ta' Ingombru fir-Regolament tat-Traffiku.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra il-fraži—

"oġġett ta' ingombru" tfisser kull vettura bil-mutur, biċċa tal-baħar jew kull ħaġa oħra li tostakola jew b'xi mod ieħor toħloq xi diżordni jew inkonvenjent f'xi triq, moll, xatt jew post pubbliku ieħor.

Tneħħija ta' oġġetti ta' imbarazz.

3. Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' ineħħi, jaħżen u jiddisponi minn kull oġġett ta' ingombru li jkun qiegħed ipparkjat, irmiġġat jew imqiegħed għal iktar minn tlett ijiem fi mkien li ma huwiex permess skond il-liġi li jintuża għal dak l-iskop.

Eżenzjoni minn responsabbiltà.

4. Il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jkun meħlus minn kull responsabbiltà għal danni li jiġu kaġunati bit-tneħħija, ħażna jew dispożizzjoni ta' oġġetti ta' ingombru, skond l-artikolu 3 ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda ebda persuna li taġixxi b'malizzja jew tkun ħatja ta' negliġenza kbira fit-twettiq ta' dmirijietha waqt dik it-tneħħija, ħażna jew dispożizzjoni, ma tkun eżonerata mir-responsabbiltà għad-danni kaġunati.

Avviż ta' tneħħija u ħażna.

5. (1) Il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jippubblika avviż fil-Gazzetta fi żmien ġimgħa mit-tneħħija, li fih jiddeskrivi l-oġġett ta' ingombru imneħħi u jsemmi l-post eżatt li jkun tneħħa minnu.

(2) Il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jsemmi wkoll fil-istess avviż il-post fejn l-oġġett ta' ingombru ikun qiegħed maħżun.

Disponiment ta' oġġetti ta' imbarazz.

6. (1) Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jordna l-bejgħ ta' oġġett ta' ingombru jekk dan ikun għadu ma tteħidx lura mis-sid leġittimu tiegħu fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' Avviż ta' dispożizzjoni mill-istess Kummissarju fil-Gazzetta u fi tliet ġurnali lokali, li bih isejjaħ lil dak is-sid sabiex jieħu lura dak l-oġġett wara li jġib prova suffiċjenti

tat-titolu tiegħu għal dak l-oġġett jew iġib dik il-garanzija li l-Kummissarju iqis sufiċjenti, li tkun ta' indennizz għalih kontra kull talba li jkollha x'taqsam mar-ritorn ta' dak l-oġġett lis-sid leġittimu tiegħu.

(2) Il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jutilizza l-qliegħ li jsir l-ewwel sabiex jikkumpensa kull dritt dovut lilu għall-ġarr jew ħażna, u sussegwentement sabiex jirrifondi kull bilanċ li jifdal favur dawk il-persuni li kien ikollhom jedd li jieħdu lura l-oġġetti.

(3) Kull bejgħ li jsir skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandu jsir jew b'irkant pubbliku jew wara sejħa għall-offerti.

(4) Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jiddisponi fid-diskrezzjoni tiegħu minn dawk l-oġġetti ta' ingombru li ma jiġux ritornati jew mibjugħa b'irkant pubbliku jew wara sejħa għall-offerta, wara li jkun ta avviż ta' xahar mill-inqas lill-Ministru tal-Finanzi.

Drittijiet li jingabru mill-Kummissarju tal-Pulizija.

7. Għandhom jithallsu lill-Kummissarju tal-Pulizija dawn id-drittijiet li ġejjin:—

(a) għat-tneħħija tal-oġġett ta' ingombru ... Lm45.00,0

(b) għall-ħażna ta' l-oġġett ta' ingombru, għal kull ġimgħa jew parti minnha Lm20.00,0

(ċ) għall-bejgħ b'irkant jew kull għamla oħra ta' disponiment tal-oġġett ta' ingombru Lm20.00,0:

Iżda meta jidħlu spejjeż oħra li jkunu iżjed minn kull dritt partikolari fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) imsemmija, il-Kummissarju tal-Pulizija jkollu dritt ukoll li jiġbor dawk l-ispejjeż u sussegwentement li jnaqqashom mid-dħul tal-bejgħ jew disponiment ta' l-oġġett u li jesiġi il-pagament relattiv tagħhom qabel ma jitlaq minn taħt idejh l-oġġett sew lis-sid leġittimu tiegħu jew lix-xerrej fil-każ ta' bejgħ b'irkant.

L-azzjonijiet kriminali u ċivili jibqgħu impreġudikati.

8. Kull miżura li tittieħed mill-Pulizija taħt dawn ir-regolamenti ma għandhiex tkun ta' preġudizzju għal kull azzjoni kriminali jew ċivili.